**5 ta' April, 1965.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Commander Edward Hamilton Hill, O.B.E., R.D., ne.

*versus*

Neguzjant Joseph E. Coleiro, ne. et.

**Art. 2113 (e) Kodiċi Ċivili — Privileġġ tal-lokatur — Oġġetti li jinsabu fil-fond provisorjament, mhumiex soġġetti għal privileġġ.**

*Ma jistax ikun hemm dubbju li l-privileġġ tal-lokatur "super invectis et illatis" jikkompeti fuq hwejjeġ li jkunu jservu biex igħammru jew ifornu l-fond, huma ta' min huma dawk il-hwejjeġ.*

*Rigward il-kwistjoni jekk hiex meħtieġa l-buona fede tal-lokatur biex hu jista jgawdi minn dan il-privileġġ, hemm konflitt fil-ġurisprudenza tagħna.*

*Ġie deċiż f'dan il-każ li dan il-privileġġ m'għandux jikkolpixxi oġġetti, appartenenti lil terzi persuni li jkunu jinsabu fil-post provvisorjament.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni u l-provvedimenti li trid il-liġi, premess illi b'mandat tal-Qbid maħruġ minn dik il-Qorti tal-20 ta' Diċembru, 1962, fl-ismijiet Neguzjant Joseph E. Coleiro għad-ditta Coleiro Brothers Ltd. vs. Avukat Dottor Francis Portanier u P.L. Paul Saliba kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-assenti Anthony Parry, ġie elevat, fost oġġetti oħra, mill-poter tal-imsemmi Anthony Parry "television set tar-Rediffusion" u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 1964 ġiet fissata d-data 13 ta' Ottubru, 1964, għall-bejgħ fl-irkant tal-oġġetti elevati, kif jirriżulta mill-Avviż Dok. A. anness maċ-ċitazzjoni, u premess illi l-imsemmi Television set tar-Rediffusion huwa proprjeta tad-ditta attriċi u kien jinsab provviżorjament u temporaneament fil-fond mnejn ġie elevat jiġifieri Villa Vecca, Mellieħa Road, San Pawl il-Baħar, u kien jinsab għand l-imsemmi *Parry l*-ewwel b'kera u mbagħad detenut sempliċement sakemm jiġi rtirat min-nies tad-ditta attriċi — talab illi, għar-raġunijiet premessi, tiġi *revokata l-esekuzzjoni tal-Mandat* ta' Qbid imsemmi in kwantu tolqot it-television set tar-

Rediffusion fuq imsemmi, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut* Dr. F. Portanier u P.L. Paul Saliba kuraturi biex jirrappreżentaw l-assenti Anthony Parry, li biha jgħidu illi huma jirrimettu ruħhom għall-provi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża u jirriservaw li jagħtu kwalunkwe eċċezzjoni oħra li talvolta jidhrilhom li hija neċessarja fi stadju ieħor tal-kawża;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tan-Negozjant Joseph E. *Coleiro nomine li biha qal li l-mandat tal-qbid imsemmi fiċ*-ċitazzjoni ġie esegwit sewwa u m'għandux jiġi revokat stanti l-eċċipjent għandu privileġġ fuq l-oġġetti mobili kollha li d-debitur Anthony Pa [illegible] fond fejn kien ġie esegwit il-mandat huma ta' [illegible] huma l-oġġetti, u dana a tenur tal-art. 2113 para (e) tal-Liġijiet Ċivili u għalhekk id-domandi attriċi huma nfondati.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 1965 li biha t-talba tal-attur ġiet miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu wara li kkunsidrat:

Li tant mix-xhieda mhiex kontestata tal-konvenut Coleiro, kif ukoll mill-istess atti esekuttivi li huwa għamel kontra d-debitur Anthony Parry, jirriżulta li huwa kreditur tal-istess Parry għall-kera tal-fond u danni kaġunati fejn kien joqgħod l-istess debitur meta ġew minnu elevati diversi oġġetti u fosthom it-television in kwistjoni.

Li l-attur nomine qiegħed jippretendi li l-imsemmi television set m'għandux jimbiegħ fis-subasta għaliex huwa proprjeta tad-ditta attriċi, kien jinsab provviżorjament fil-fond fejn ġie elevat għand il-konvenut Parry l-ewwel b'kera

u mbagħad detenut sempliċement sakemm jiġi irtirat middittà attriċi.

Li, taħt iċ-ċirkustanzi, l-eċċezzjoni tal-konvenut Coleiro għandha tiġi milqugħa.

Infatti, kull ma jeħtieġ biex ikun hemm lok għall-privileġġ kontemplat fl-art. 2113 (e) tal-Kodiċi Ċivili huwa li l-ħaġa tkun fil-post mikri, u tkun hemm biex isservi ħalli tgħammar il-fond. Għalhekk, skond kif ġie ripetutament ritenut minn dawna l-Qrati, il-liġi tipprexxindi espressament mill-fatt ta' min tkun il-proprjeta tal-ħaġa (Kollez. XXXVII, I, 458).

Li, anqas jista' jingħad li kien hemm xi mala fede fil-lokatur għaliex illum saret regola ġenerali li kważi f'kull dar, anki mhux aġjata, l-użu tat-television sar ta' komuni rikorrenza, u b'ebda sforz tal-immaġinazzjoni ma jista' jiġi allegat li television set ma jservix "per guarnire o istruire un fondo" — għaliex illum sar kwasi aċċessorju indispensabbli għall-passatemp u ngħidu wkoll, abbiljament taddjar lokali (Kollez. XVI, III, 3).

Li mbagħad, taħt il-Koldiċi tagħna, għad-differenza tal-liġijiet franċiża u taljana — il buona fede fil-lokatur mhiex meħtieġa għall-effikaċi konservazzjoni ta' dana l-privileġġ (Kollez. XV, 246; XXXI, I, 683), u anqas ma tiġi minsusa l-istess effikaċja tal-privileġġ jekk l-oġġett maqbud ikun jinsab fil-post fejn jiġi elevat, provviżorjament jew detenut mid-debitur mingħajr titolu.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi s-sentenza appellata tiġi revokata billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellati.

Rat ir-risposta tal-appellat Coleiro li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tisthoqq konferma.

Rat ir-risposta tal-kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti Anthony Parry li wkoll qalu illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti għandha tiġi konfermata.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Fuq il-fatti ma jidherx li hemm ebda kwistjoni. L-appellat Coleiro huwa kreditur ta' l-appellat l-ieħor Parry għall-kera tal-fond li jismu "Villa Vecca", Mellieħa Road, San Pawl il-Baħar u għal xi danni kaġunati fl-istess fond. B'mandat ta' qbid maħruġ fil-20 ta' Diċembru, 1962, fuq talba ta' l-istess Coleiro kontra l-istess Parry, ġie elevat mill-imsemmi fond, flimkien ma' ħwejjeġ oħra, Television Set li jappartjeni bħala proprjeta lill-appellant nomine u li qabel kien mikri lill-imsemmi Parry. L-appellat Coleiro jippretendi li fuq dak it-"Television Set" hu għandu, għar-rigward tal-kreditu tiegħu kontra Parry fuq imsemmi, il-privileġġ akkordat lill-lokatur fil-paragrafu (e) ta' l-artikolu 2113 tal-Kodiċi Ċivili. L-appellant, inveċe, isostni illi peress illi dak it-"Television Set" hu tas-soċjeta rappreżentata minnu u kien jinsab fil-fond provviżorjament u temporaneament, ma għandux jitqies li hu kolpit minn dak il-privileġġ.

L-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet il-pretensjoni tal-appellant u sostniet dik ta' l-appellat Coleiro għaliex irriteniet illi

(a) It-"television set" huwa ħaġa li sservi "per guarnire o istruire il fondo".

(b) meta dan hu l-każ, il-liġi tagħna tipprexxindi espressament mill-fatt ta' min tkun il-proprjeta tal-ħaġa.

(c) apparti milli fil-każ preżenti ma rriżultatx ebda "mala fede" da parti ta' l-appellat Coleiro, taħt il-liġi tagħna, għad-differenza tal-liġi franċiża u taljana, il-"buona fede" tal-lokatur mhiex meħtieġa għall-effikaċi konservazzjoni ta' dan il-privileġġ.

(d) L-istess effikaċja ma tiġix minsusa jekk l-oġġett maqbud ikun jinsab fil-post fejn jiġi elevat, provviżorjament jew ikun detenut mid-debitur mingħajr titolu.

L-appellant ma jikkontestax il-proposizzjoni in teżi ġenerali, kontenuta taħt l-ittra (a) hawn fuq u anqas jikkontesta l-proposizzjonijiet kontenuti fil-ittri (b) u (c). Iżda hu jikkontesta l-proposizzjoni kombinata tenuta fl-ittra (d) **għal-każ preżenti**, ma' dik kontenuta fl-ittra (a), in kwantu li jissottometti illi, f'dan il-każ it-"Television Set" kien jinsab fil-fond fejn ġie elevat provviżorjament u b'aċċident u **f'dan is-sens** ma jistax jingħad illi kien qiegħed hemm biex "jiggwarnixxi jew jistruwixxi l-fond."

Ovvjament ma' jistax ikun hemm dubju, illi, fuq ħwejjeġ li jkunu jservu biex jgħammru jew jfornu l-fond, il-privileġġ jikkompeti huma ta' min huma dawk il-ħwejjeġ. Hekk tgħid il-liġi espressament.

Rigward il-kwistjoni jekk hix meħtieġa l-"buona fede" tal-lokatur biex hu jista jgawdi minn dan il-privileġġ, hemm konflitt fil-ġurisprudenza tagħna. Fis-sentenza riportata fil-Vol. V p. 570 kien ġie ritenut illi: "sebbene nel diritto è indubitabile che il privilego del locatore per i fitti di un immobile si estende anche su le cose appartenenti a terze

persone, quando questi oggetti fossero destinati a guarnire l-immobile, niente di meno questa regola di diritto soffre *eccezione quando si provi di avere il proprietario avuto* piena notizia che i mobili introdotti nel suo fondo fossero di proprieta altrui." L-istess dottrina ġiet segwita fis-sentenza riportata Vol. XV p. 642 u f'dik Vol. XXIV, II, 556, u f'xi sentenzi oħrajn, anki ta' din il-Qorti. Iżda fis-sentenza Vol. XV p. 246 dik id-dottrina ma ġietx abbraċċjata peress illi ġie *ritenut illi kienet* ibbażata *fuq* il-liġi franċiża u dik taljana li kienu formulati diversament mill-liġi tagħna u din l-opinjoni ġiet segwita fis-sentenzi riportati Vol. XXXI, I, 683 u Vol. XXXVII, I, 458. Favur dawn l-aħħar sentenzi jista' indubbjament jingħad illi l-Kodiċi taljan ta' l-1865, għaddifferenza tal-liġi tagħna, kien igħid espressament *illi* "il privilegio attribuito al locatore sui mobili di cui è fornita la casa od il fondo locato comprende non solo quelli di proprieta dell'inquilino od affituario e del subinquilino o subaffituario, ma anche quelli che fossero di proprieta altrui, finche si trovano nella casa o nel fondo locato, **salvo che si tratti di cose derubate o smarrite, ovvero sia provato che il locatore, al tempo dell'introduzione sapeva che le cose introdotte spettavano ad altri.**" (art. 1958). Iżda fil-Kodiċi franċis ma kienx hemm disposizzjoni *simili* għal dik tal-Kodiċi taljan hawn fuq sottolineata w intant jidher *illi* d-dottrina franċiża jekk mhux unanimement, fil-maġġoranza tagħha kienet tammetti l-istess eċċezzjonijiet, mhux in bażi għal formulazzjoni espressa tal-liġi iżda in bażi għal-prinċipji ġenerali. Fil-waqt illi dik id-dottrina kienet tammetti — għad illi l-Kodiċi ma kienx jgħidu espressament — illi l-privileġġ jikkolpixxi anki ħwejjeġ ta' ħaddieħor li jkunu jfornixxu jew jarredaw il-fond — kienet pero tammetti eċċezzjonijiet indotti min-nuqqas ta' *buona fede fil-lokatur.* Huwa forsi għalhekk illi xi kommentaturi tal-Kodiċi taljan kienu *tal-fehma illi d-disposizzjoni espressa daħlet fil-*

formulazzjoni tal-Kodići tagħhom "ex majori cautela" biex żgur tiġi evitata kull kwistjoni u mhux għaliex kienet essenzjalment neċessarja, b'mod illi anki mingħajrha l-eċċezzjoni kienet tkun xorta waħda ammissibbli, kif kienet ammessa fid-dottrina u l-ġurisprudenza franċiża, in bażi għal prinċipji ġenerali.

Hi din kif inhi l-Qorti ma jidhrilliex li hemm bżonn li tippronunzja ruħha definitivament fuq din il-kwistjoni u dan għaliex, fil-każ presenti, ma ġiet anqas mill-appellant stess, allegata ebda "mala fede" da parti tal-lokatur Coleiro u din il-kwistjoni m'hi anqas dedotta fost l-aggravji tal-appell.

Kif ġa ntqal l-aggravju sostanzjali ta' l-appellant hu dirett kontra l-affermazzjoni magħmula fis-sentenza appellata fis-sens illi l-effikaċja tal-privileġġ ma tiġix minsusa mill-fatt illi l-oġġett maqbud, appartenenti lill-terza persuna, ikun jinsab fil-fond provviżorjament.

Rigward dan il-punt l-appellant issottometta illi l-Qrati iktar minn darba rritenew il-kuntrarju ta' dan li rritenieṭ fuq dan il-punt l-ewwel Onorabbli Qorti. F'ċerti limiti, dana jidher illi hu indubbjament veru. Hekk, per eżempju, fis-sentenza Vol. IX p. 665 intqal illi biex il-privileġġ iseħħ jeħtieġ illi "le cose siano state introdotte nel fondo e che lo siano state per rimanervi permanentemente—escluse quindi le cose altrui che vi fossero esistenti eventualmente." Hekk ukoll fis-sentenza Vol. XVIII, II, 242 ġie ritenut illi, għal finijiet tal-privileġġ in kwistjoni "non vi puo ritenere che un mobile introdotto in un opificio per esservi accomodato o per rimanervi temporaneamente depositato, guarnisca od istruisca quell' opificio." Similment fis-sentenza Vol. XXIX, P. III, p. 135 intqal illi għalkemm il-privileġġ imiss lill-lokatur fuq il-ħwejjeġ li jkunu jgħammru jew

jfornixxu l-fond huma ta' min huma, pero "sija d-dottrina kemm il-ġurisprudenza l-aktar akreditata stabbilew il-prinċipju illi, biex ikun hemm dan il-privileġġ, huwa neċessarju li l-oġġetti ma jkunux imqiegħdin temporaneament għal xi skop ta' tiswija jew għal xi effett ieħor simili."

Sa fejn setgħet tara l-Qorti ma jidherx illi, kwantu *għall-prinċipju illi jistgħu* jsiru eċċezzjonijiet ta' din ix-xorta, hemm xi ġurisprudenza tal-Qrati tagħna f'sens kuntrarju. S'intende huwa ċar illi din hi kwistjoni diversa minn dik 'tal-"buona fede" hawn fuq imsemmija. Il-prinċipji ta' dawn l-eċċezzjonijiet hu bażat fuq il-konsiderazzjoni illi, f'ċirkustanzi ta' dik ix-xorta, ma jistax verament jingħad illi l-ħaġa misjuba fil-fond, tkun "isservi biex *tgħammru* jew tfornih."

Issa fil-każ preżenti l-Qorti hi ta' fehma li hemm ċirkustanzi speċjali li mħabba fihom għandha tiġi applikata l-imsemmija eċċezzjoni. Fiż-żmien li ġie esegwit il-mandat, il-kiri tat-Television Set lill-appellat Parry kien ġa ġie terminat fuq talba tiegħu stess u kien ġa ittieħdu passi biex issir id-"disconnection" u s-set jiġi irtirat mill-appellant illi, anqas kien ġie mħallas tal-kiri tiegħu. Ma kienx ġie effettivament irtirat sempliċement għaliex l-appellat Parry, ad insaputa ta' l-appellat, kien laħaq siefer u l-fond kien magħluq. Dan kollu, kif intqal, qabel sar il-mandat ta' l-appellat Coleiro. *F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti taħseb li* għandu ragun l-appellant meta jgħid illi, allura, is-set kien qiegħed fil-fond sempliċement provviżorjament lest biex jiġi meħud lura u kwindi ma jistax jingħad illi dak iż-żmien kien għadu qiegħed "iservi biex jiggwarnixxi l-fond" kif tirrikjedi l-liġi biex jista' jkun milqut mill-privileġġ tal-lokatur.

F'dan is-sens l-appell jidher li hu fondat. Forsi l-Qrati

tista' tosserva illi dan iż-żmien, meta l-"hire purchase" u l-kiri ta' apparekki u oġġetti oħra ta' valur konsiderevoli sar hekk *frekwenti*, wasal *il-mument li tiġi* kunsidrata l-opportunita u l-espedjenza ta' disposizzjonijiet leġislativi speċjali, għax fil-waqt illi hu għal kollox ġust illi l-lokatur ikun kawtelat tajjeb għall-ħlas tal-kera dovut lilu, ma jidherx prima faċie illi hu ġust illi din il-kawtela tingħata a skapitu ta' ħaddieħor li jista' *jkun hu nnifsu* almenu *ugwalment*, meritevoli ta' protezzjoni. Bl-Ordinanza Nru. VII ta' l-1944 ġa ġew esklużi mill-privileġġ il-ħwejjeġ li jippartjenu lill-Gvern jew huma detenuti minn jew f'isem xi Dipartiment tal-Gvern.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa l-appell u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa t-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kollha tant ta' prim' istanza kemm ta' l-appell kontra l-konvenut Parry.